MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 345/2014

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elf disgha mija u disghin (1990) skont ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv illi qed jigi anness, esebit u mmarkat bhala **Dok. A;**
2. Illi miz-zwieg taghhom il-partijet kellhom zewgt itfal, illi huma t-tnejn maggorenni;
3. Illi l-partijiet ilhom separati legalment sa mit-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn (2000) u dan skont ma jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv redatt minn Nutar Nicholas Vella, illi kopja awtentika tieghu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok B;**
4. Illi ma hemm l-ebda prospett jew tama ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li huma ilhom legalment separati ghal aktar minn erba' (4) snin huma jghixu wkoll hajja totalment separata minn xulxin b'rabtiet familjari godda;
5. Illi ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet in konnesjoni ma kwalunkwe hlas ta' manteniment, b'dan illi ai termini ta' l-ahhar klawsola tal-kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet iddekadew reciprokament ghad-dritt illi jitolbu manteniment minghand xulxin, filwaqt illi ulied il-partijiet huma maggorenni u t-tnejn ghandhom l-impjieg taghhom u l-ebda arretrati ma huma dovuti f'dan ir-rigward;
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Illi qed jigi anness mar-rikors odjern l-affidavit tar-rikorrenti nnifsu, liema affidavit qed jigi esebit u mmarkat bhala **Dok C**;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg (divorzju) bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg (divorzju) tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Settembru, 2014;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' Lulju tas-sena 2000;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------